# LECTIO DIVINA

# III ĦADD TAR-RANDAN (B)

**Ġw 2:13-25**

Ninsabu fil-parti msejħa l-"ktieb tas-sinjali" tar-raba' Vanġelu (cfr *Ġw* 1:19-12:50), li tiftaħ b'tip ta' *ġimgħa inawgurali* tal-ministeru ta' Ġesù. B'differenza mis-Sinottiċi, *Ġw* iqiegħed l-episodju tat-Tempju fil-*bidu* tal-ħajja pubblika ta' Kristu – il-konfront mat-Tempju huwa l-ewwel dmir tal-Messija l-mistenni, kif imħabbar minn Malakija: «u *minnufih* jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu» (*Mal* 3:1). Hu jidħol sabiex jinawgura l-preżenza l-ġdida ta' Alla f'nofs il-poplu tiegħu.

**Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm.**

Fi *Ġw*, din hi l-ewwel minn tliet festi tal-Għid li għalihom Ġesù jitla' Ġerusalemm: l-oħrajn huma dakinhar li jkattar il-ħobż (*Ġw* 6:4) u meta jmur għall-Passjoni tiegħu (*Ġw* 11:55; 13:1). Hu jitla' d-differenza ta' 800 metru minn Kafarnahum, wara li f'Kana jwettaq l-ewwel sinjal li jibdel l-ilma f'inbid (cfr *Ġw* 2:12). Hu tielgħa sabiex tabilħaqq iġib is-sliem u l-ġid lill-poplu: bit-twaqqif tat-tempju l-ġdid se jkun possibli li l-bniedem jidħol f'relazzjoni ġdida ma' Alla, relazzjoni aktar awtentika u personali «fl-ispirtu u fil-verità» (*Ġw* 4:23). Tabilħaqq Ġesù jwettaq bi sħiħ il-kelmiet ta' wieħed mis-Salmi tat-telgħat (cfr *S* 120-134): «Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm: "Ħa jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!" [...] Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna, nixtieq illi jkollok il-ġid.» (*S* 122:6.9).

**Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus.**

Il-post (gr. ἱερός tr. *hierós*) indikat minn *Ġw* mhuwiex il-post fejn setgħu jidħlu biss il-Lhud, imma l-btieħi esterni tat-Tempju fejn setgħu jidħlu anki l-pagani. Il-kummerċ li kien hemm kien fl-aħħar mill-aħħar ta' servizz għall-pellegrini sabiex ikunu jistgħu jagħmlu s-sagrifiċċju tagħhom bix-xiri tal-annimali u jitfgħu l-offerta tagħhom billi jibdlu l-munita pagana ma' dik tat-Tempju. Kollox huwa leċitu u in funzjoni tat-twettiq tal-preskrizzjonijiet tal-Liġi (cfr *Dt* 14:23-26). Imma mhux bilfors huwa skont ix-xewqa tal-Missier.

**Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed.**

Il-ġest u l-azzjoni ta' Kristu huma qawwija u radikali. Il-qawwa tal-Mulej hija espressjoni tal-*għira* tiegħu għall-poplu (cfr *Eż* 34:14) li jrid jeħlisu minn kull irbit u qerq li jbiegħdu mil-libertà li Hu waħdu jista' jagħti.

**U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: «Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!»**

It-tisfija tat-Tempju kienet imħabbra mill-profeta Żakkarija bħala parti mill-aħħar taqbida fejn Ġerusalemm tikseb mill-ġdid is-sbuħija tagħha: il-Mulej «isawwat» lill-għedewwa kollha tagħha u «ma jkunx hemm aktar neguzjanti dakinhar fit-tempju tal-Mulej tal-eżerċti» (*Żak* 14:12.21). Ġesù jġib fit-tmiem loġika sagrifikali li kellha l-għan li "tikkalma" lil Alla mill-qilla tiegħu; hu jeħodha kontra mentalità fejn il-bniedem jaħseb li jista' "jixtri" lil Alla billi jħallas it-taxxa tat-tempju u joffri s-sagrifiċċji preskritti. Ir-relazzjoni mal-Missier ma tistax tiġi ridotta għal transazzjonijiet kummerċjali (*give and take*).

**Id-dixxipli ftakru f'dak li hemm miktub fl-Iskrittura: «Il-ħeġġa għal darek fnietni.»**

Dawk qrib tal-Imgħallem jaqraw il-ġesti tiegħu fid-dawl tal-Iskrittura – dan iwassalhom biex jifhmu aħjar l-azzjoni tiegħu mhux bħala sempliċi provokazzjoni imma bħala turija ta' mħabba sinċiera għad-dar ta' Alla. Hija l-*ħeġġa* tal-bniedem ippersegwitat minħabba l-Mulej u t-tempju tiegħu: «Għax minħabba fik qiegħed nilqa' t-tmaqdir, u l-mistħija tiksili wiċċi.» «Għax il-ħeġġa għal darek fnietni, it-tagħjir ta' min jgħajjar lilek waqa' fuqi.» (*S* 69:8.10). Infatti dan iż-żelu jwassal għall-"qerda" tal-ġust; lil Kristu se jwasslu għall-mewt fuq is-Salib. Dan huwa għal kollox differenti miż-"żelu" militanti taż-Żeloti.

**Mbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: «X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?»**

Filwaqt li «d-dixxipli» jħallu l-Iskrittura ddawwal u tgħinhom jifhmu l-għemil ta' Kristu, «il-Lhud» iridu prova li tiġġustifika l-imġiba tiegħu. Il-punt tat-tluq tagħhom huwa d-*dubju* fih: għalihom jidher li aktar importanti li *jikkontestaw* lil Kristu milli li *jippruvaw jifhmuh*. Fuq kollox Ġesù qed jisfida "l-interessi" tagħhom, il-"prassi stabilita", u din l-iskumdità tqajjem fihom oppożizzjoni għall-persuna tiegħu tant li gradwalment «bdew ifittxu li joqtluh» (*Ġw* 5:18). Is-*sinjal*, il-*prova ta' awtorità* hija Hu nnifsu – Hu r-raġuni li ssuq il-ħidma ta' dawk li huwa jibgħat: «bis-saħħa tal-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret» (*Atti* 4:10).

**Ġesù weġibhom: «Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu.» Għalhekk il-Lhud qalulu: «Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem? Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu.**

Il-kumment ta' *Ġw* jgħinna nifhmu n-novità inawgurata minn Kristu: it-tmiem tat-*tempju tal-ġebel* u t-twaqqif tat-*tempju l-ġdid* li huwa «l-ġisem tiegħu» (hawn jintuża' t-terminu preċiż li jirreferi għat-tempju: gr. ναός tr. *naós*). It-tempju kien ġie "mbattal" («ħottu») mis-sinifikat tiegħu tant li aktar kien sar monument ta' poter reliġjuż, opportuniżmu politiku u arti umana, «imżejjen b'ġebel sabiħ u għotjiet» (*Lq* 21:5), milli l-għamara ta' Alla fost il-bnedmin. Infatti x-xewqa ta' tempju nibtet minn qalb bniedem, is-sultan David, u mir-rifjut tal-Mulej għall-proġett tiegħu jindika t-tentazzjoni tal-bniedem li "jikkonfina" lil Alla u jagħmlu "oġġett" tiegħu (cfr *2Sam* 7:1-7). Huwa l-għarfien umli li l-preżenza "konfinata" tal-Mulej hija għemil ta' mħabbtU (u mhux opra tal-bniedem) u li l-bini ta' spazju delimitat hija ubbidjenza lejn l-inizjattiva divina tiegħu, illi jwasslu biex it-tempju tal-ġebel jimtela' bil-glorja tal-Mulej (cfr *1Slat* 8:27). L-infedeltà tal-qalb li twarrab lil Mulej u tqim allat oħra twassal biex it-tempju jkun ridott għal «għar tal-ħallelin» (*Ġer* 7:11). Il-Lhud kienu fil-verità *ħattew* huma nfushom it-tempju – issa kien iż-żmien li l-Mulej innifsu jtella' t-tempju l-ġdid li huwa l-ġisem glorjuż tal-Irxoxt «li tgħammar fih il-milja kollha» (*Kol* 1:19). Infatti l-verb użat minn Ġesù huwa marbut mal-qawmien mill-imwiet (gr. ἐγείρω tr. *egeírō* = *awake, raise from the sleep of death*). Fit-tempju tal-ġisem glorjuż tiegħu, id-dixxiplu hu mistieden biex ikun «ġebel ħaj»: «inbnew f'dar

spiritwali, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu» (*1Pt* 2:5).

**Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù.**
Huwa Kristu Rxoxt li *bl-għoti tal-Ispirtu Qaddis* iwassal lid-dixxipli biex *jiftakru* (cfr *Ġw* 14:26), u jiftħilhom għajnejhom biex jaraw fih il-milja tal-Liġi u l-Profeti (cfr *Lq* 24:16.31) u jemmnu f'dak kollu li qalilhom dwar it-tempju li kien se jtella' Hu. Li *tiftakar* u li *temmen* huma bħall-bibien biex tidħol f'dan it-tempju l-ġdid fejn hemm il-ħajja bla tmiem: «Tassew tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja» (*Ġw* 5:24).

**Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel. Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem.**
Li wieħed *jemmen fl-Isem* huwa proċess li ma jseħħx f'darba. Filwaqt li min jilqa' s-«sinjali» jixxettel fil-fidi tiegħu f'Ġesù, huwa minnu li l-fidi titlob il-*perseveranza* għax l-entużjażmu tal-bidu jintemm. Faċli li quddiem is-*sinjal* li huwa l-mewt u l-qawmien tiegħU, id-dixxiplu jitfixkel għax għalkemm «jisma' l-kelma u jilqagħha minnufih bil-ferħ [...] għeruq ma jkollux fih innifsu, u għalhekk ftit idum; mbagħad jiġi fuq l-għawġ, jew isib min iħabbtu minħabba l-kelma, u malajr jitfixkel» (*Mt* 13:20-21). Il-Mulej ħadd ma jista' jqarraq bih: «Għaliex Ġesù kien jaf sa mill-bidu min kienu dawk li ma emmnux u min kien dak li kellu jittradih» (*Ġw* 6:64; cfr 1:42.46-47; 5:42; 16:30; 21:17). Hu l-Mulej li «jistħarreġ il-qlub u jifhem kull għamla ta' ħsieb» (*1Kron* 28;9), il-«jiena hu dak li jifli l-ġewwieni u l-qalb» (*Apk* 2:23). Meta d-dixxiplu jaħseb li jista' jqarraq bl-Imgħallem, huwa biss hu li jkun qed iqarraq lilu nnifsu: «Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont» (*Lhud* 4:13).

**Għar-riflessjoni**

Min huma dawk li jbigħu n-nagħaġ u l-ħamiem? Huma dawk li fil-Knisja jfittxu l-interessi tagħhom u mhux dawk ta' Kristu (cfr *Fil* 2:21). Huma dawk li ma jridux ikunu mifdija, iqisu kollox bħala oġġett t'akkwist: ma jridux ikunu akkwistati, li jridu hu li jbigħu. Imma fil-fatt għalihom ma jkun hemm xejn aħjar milli kieku jkunu mifdija mid-demm ta' Kristu u b'hekk jaslu għas-sliem ta' Kristu. Mill-bqija, x'jiswa li f'din id-dinja takkwista ġid li jgħaddi, sew jekk inhuma l-flus, sew jekk huma l-pjaċiri taż-żaqq jew tal-ħalq, sew jekk huma l-unuri tal-ftaħir tal-bnedmin? X'inhuma dawn il-ħwejjeġ ħlief duħħan u riħ? U lkoll jgħaddu, jaħarbulek. Ħażin għalih min ikunu intrabat mal-ħwejjeġ li jgħaddu, għaliex magħhom jispiċċa u jintemm hu wkoll. Mhumiex dawn il-ħwejjeġ kollha xmara li tkaxkar tiġri lejn il-baħar? Ħażin għalih min jaqa' fiha, għaliex ikun imkaxkar lejn il-baħar. Insomma, jeħtieġ inrażżnu l-affetti tagħna minn ġibdiet bħal dawn.

SANTU WISTIN, *Comment. in Ioan*, 10,6.